MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 75/1994/1

***Alfred Ciantar***
***v***
***Kontrollu tad-Dwara***

Illum 28 ta' Frar 2003

Il-Qorti,

Permezz ta' rikors prezentat fis-19 ta' Jannar 1994, ir-rikorrent wara li ppremetta:

Illi huwa l-propretarju ta' diversi ditti u l-Managing Director ta' diversi societajiet konnessi mal-manifattura ta' oggetti maghmula mill-filugranu, deheb u fidda u jhaddem cirka sbatax-il ruh.

Illi kien iddecied li jixtri karozza sportiva ghal ibnu mis-suq Amerikan b'mudell li jew ma jinstabx Malta jew huwa rari, tenut kont li l-prezzijiet f'dak il-pajjiz huma vantaggjuzi.

Illi kien iddecieda li jakkwista simili vettura ghal ibnu huwa kien stharreg biex isir jaf agenti Maltin li kienu imdahhlin fin-negozju ta' karozzi intizi ghall-importazzjoni mis-suq Amerikan ghas-suq lokali u li kien f'qaghda li jiehu hsieb it-transport taghhom f'Malta.

Illi kien irrizulta lill-esponent li certu Paul Coleiro kien regolarment jsiefer l-Amerika in konnessjoni max-xiri ta' karozzi ta' certa klassi u karozzi ohra ghalkemm l-esponent ma kellux konoxxenza tieghu.

Illi r-rikorrent kien ghamel kuntatt mieghu medianti terzi, in materja tal-akkwist propost u kien inkarigah biex jipprokuralu l-akkwist b'bejgh ta' vettura mill-Amerika u di fatti huma kienu siefru f'dak il-pajjiz fejn l-esponent gie mressaq mill-imsemmi Paul Coleiro quddiem agent tal-karozzi Amerikan u eventwalment kien twettqu l-pratiki kollha, relativi ghall-akkwist ta' vettura mudell Dodge Stealth mill-esponent u dan minghand l-agent Amerikan liema vettura hija targata 3CJX744, numru tax-xazzi, JE3XE74CONY037792 (Dok AC1).

Illi l-hlas tal-prezz patwit sar mill-esponent liema hlas twettaq konfermement mal-Exchange Control Act.

Illi skond il-ftehim pattwit l-proceduri kollha konnessi mal-konsenja tal-vettura riferita f'Malta kellhom jitwettqu mill-imsemmi Paul Coleiro in effetti l-container li fuqu giet trasportat l-vettura akkwistata mill-esponent, oltre l-cover taghha u merkanzija ohra li maghha l-esponent ma kellu ebda konnessjoni, kien registrat f'isem l-istess Paul Coleiro, esklussivament.

Illi meta l-container wasal Malta l-konetenut tieghu gie spezzjonat mill-ufficjali tad-Dwana u fil-kors tal-ispezzjoni instabet partita ta' pistoli u munizzjoni mohbijin fil-merkanzija li maghha l-esponent ma kellu ebda konnessjoni, tenut kont kif intqal, li l-unici oggetti mill-

merkanzija sitwata fil-container kienu l-vettura imsemmija u l-cover taghha u xejn aktar.

Illi jigi rilevat illi l-esponent ma kellu assolutament ebda parti fl-istivar tal-istess container.

Illi fid-dawl tal-akkadut il-merkanzija kollha li kien sitwat fil-container giet mizmuma mill-ufficjali tad-Dwana.

Illi in segwitu, minkejja l-akkadut, l-esponent addiviena ghal-hlas tas-somma ta’ sitt elef u hames mija u sittin Lira Maltija u sittin centezmi lid-Dipartiment tad-Dwana in linea ta’ dazju relattivament ghall-imsemmija vettura u anke wettaq l-procedura, relattivi ghat-trasferiment tat-transfer tal-vettura citata f’simu. (Dok AC2 u AC3)

Illi l-valur tal-imsemmija vettura gie stabbilit mid-Dipartiment tad-Dwana fis-somma ta’ tmint elef u mitejn Lira Maltija (LM 8200); filwaqt li l-valur tal-cover tal-vettura mixtrija mill-esponent gie stabbilit fis-somma ta’ tletin Lira filwaqt li d-dazju dedott in rigward tal-istess cover kien gie stabbilit fis-somma ta’ tnej u ghoxrin u hdax-il Lira Maltija ghalkemm l-esponent ma hallasx sallum id-dazju dovut in konnessjoni mal-cover in kwistjoni; konsegwentement il-valur globali stabbilit mid-Dipartiment tad-Dwana relattivament ghall-vettura akkwistata mill-esponent u l-cover tieghu jammonta ghas-somma globali ta’ tmint elef u mitejn u tletin Lira Maltija (LM 8230).

Illi insegwitu l-esponent gie notifikat bin-nota ta’ qbid numru 50 tal-1993 u f’elenku mehmuz mal-istess nota gie allegat li l-oggetti kollha elenkati fiha kienu gew maqbudin minghand l-esponent, anke il-pistoli u l-munizzjoni aktar ‘il fuq riferit (Dok AC4) daqs li kieku hwua kien il-propietarju tal-oggetti kollha elevati, mentri in effetti, kif intqal, huwa l-propietarju tal-vettura imsemmija u tal-cover taghha biss, b’mod li huwa m’ghandu ebda konnessjoni, direttament jew indirettament, mal-bqija tal-oggetti elenkati fil-lista mehmuza man-nota ta’ qbid imsemmija. In oltre, l-mod kif l-elenka in parola gie intestat jimplika li l-oggetti elevati, gew maqbuda minghand l-esponent, mentri ebda oggett hemm elenkat ma nqabad minghand l-esponent, lanqas il-

karozza li xtara jew il-cover taghha, stante li meta l-oggetti rieferiti fl-istess elenku gew maqbuda, mhux l-esponent, izda l-imsemmiu Paul Coleiro kellu l-pussess effettiv taghhom, tenut kont kif intqal, li l-container in kwistjoni kien registrat f’ismu b’mod li l-esponent ma kellu ebda access ghalih.

Illi r-ragunijet ghala sar il-qbid, kif specifikat fl-istess nota ta’ qbid, allegatament huma li r-rikorrent kiser il-provvediment tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitlu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Exchange Control Act, ghalkemm sallum ma gew istitwiti ebda proceduri kriminali fil-konfront tal-esponent f’dan ir-rigward.

Illi l-aggravju tal-esponent konsegwenti ghall-hrug tan-nota ta’ qbid citata aktar ‘il fuq huwa dovut ghall-fatt, fl-ewwel lok, illi l-vettura in kwistjoni u l-cover taghha, propieta tal-esponent qatt ma messhom gew maqbudin bis-sahha tal-imsemmija nota ta’ qbid semplicement minhabba l-presenza fizika taghhom, fil-container fejn inter alia instabu l-armi, molto piu meta jitqies, illi hlief ghall-karozza u l-cover, taghha l-esponent m’ghandu ebda konnessjoni mal-bqija tal-propieta sitwata fil-container. Kif intqal l-esponent ma kienx involut b’ebda mod fl-istivar u l-konsenja tal-container li lanqas kien registrat f’ismu. Fit-tieni lok, fil-process li wasal ghall-akkwist tal-istess vettura u l-cover taghha ma sar xejn li b’xi mod wasal ghall-ksur tal-Exchange Control Act u in effetti ghalkemm fin-nota ta’ qbid riferit jintqal li l-esponent allegatament kiser id-dispost ta’ dana l-Att la jintqal liema disposti minn dana l-att gew vjolati u lanqas jinghata xi taghrif li b’xi mod jissosstanja din it-tesi.

Illi ghalhekk jikkokorru ragunijiet validi ghala t-talba tal-esponent ghar-rilaxx tal-vettura in mertu u tal-cover taghha ghandha tigi milqugha stante li fl-ewwel fl-ewwel lok l-esponent, fil-kwalita’ ta’ propietarju tal-oggetti imsemmija ma kienx imdahhal fil-konsenja tal-vettura f’Malta u ghalhekk ma jista’ qatt jigi tenut responsabbli f’kaz li terzi li kienu involuti fl-istivar u l-konsenja tal-container jew persuni ohra vvjolaw id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza tad-Dwana billi ghabbew armi u munizzjon fil-

container fejn kienet sitwata l-propieta’ tal-esponent. Fit-tieni lok, in kwantu li l-esponent ma kiser ebda disposizzjoni tal-Exchange Control Act in konnessjoni mal-akkwist tal-vettura citata u tal-cover taghha ma jista’ jkun hemm ebda ostakolu li jxekkel lill-esponent milli jgi rintegrat fil-pussess ta’ hwejjgu bir-rilaxx tal-istess propieta’ mill-intimat f’idejh.

Ghaldaqstant l-esponent, fid-dawl tal-premess, jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogghobha tordna lill-intimat biex jirrilaxxja f’idejh il-vettura mudell Dodge Stealth, targata 3CJX744 bix-xazzi numru JE3XE74CONY037792 oltre l-cover taghha liema propieta’ giet maqbuda abusivament mill-intimat in forza tan-nota ta’ qbid numru 50 tal-1993.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti tar-rikorrent;

Rat ir-risposta tal-intimat prezentata fid-9 ta’ Frar 1994 fejn espona:

Illi l-qbid tal-vettura Dodge Stealth, Targata 3CJX744 chassis numru msemmi mir-rikorrent u l-cover taghha li qed jintalbu li jinghataw lura lir-rikorrent sar fil-prezenza ta’ l-istess rikorrent u dan fl-24 ta’ Mejju, 1993;

Illi ghaldaqstant skond l-artikolu 72 tal-Kapitlu 37 tad-Dwana, l-istess rikorrent kellu 30 gurnata biex jikkontesta l-istess qbid l-ewwel b’ittra u wara fi tlettin gurnata b’rikors;

Illi l-istess rikorrent ipprotesta b’ittra fit-12 ta’ Jannar, 1994 meta giet notifikat biss bin-nota ta’ qbid, meta fil-fatt il-ligi taghti dritt ta’ 30 gurnata min-notifika tan-nota ta’ qbid, biss meta l-qbid ma jsirx fil-prezenza tas-sit (f’dan il-kaz ir-rikorrent skond l-istess allegazzjonijiet tieghu);

Illi ghaldaqstant meta sar il-qbid u ghaddew tletin gurnata, l-oggetti saru propjeta’ tal-Gvern ta’ Malta u l-istess rikorrent illum tilef kull dritt li jikkontesta l-qbid;

Bla pregudizzju ghas-suespost, l-istess oggetti gew maqbuda regolarment stante ksur tal-Kapitoli 37 u 233 tal-

Ligijiet ta’ Malta u dan wara li nstabu armi u munizzjonijiet kif isemmi l-istess rikorrent;

Illi l-istess qbid, anki jekk jigi ippruvat li l-istess rikorrent ma hax parti kriminalment, l-oggetti kollha nvoluti, kif diversi drabi kkonfermat il-Qorti tal-Appell Kriminali, ikunu suggetti ghal qbid u l-uniku rimedju li jkollu, f’din l-eventwalita’ r-rikorrent, hu li jipprocedi kontra l-hati;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, stante li l-istess rikorrent ha parti fl-istess kuntrabandu, u ser jittiehdu proceduri kriminali kontrih, l-istess oggetti huma soggetti kollha ghal qbid;

Ghaldaqstant l-intimat jitlob lil Qorti ghala it-talbiet tar-rikorrent m’ghandhomx jigu milqugha.

Rat il-lista tax-xhieda tal-intimat;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tat-30 ta’ Ottubru 2000 fejn il-Qorti giet informata li l-proceduri kriminali gew konkjuzi bil-liberazzjoni tar-rikorrent;

Rat il-vebral registrat fl-udjenza tal-5 ta’ Frar 2001, fejn “il-partijiet debitament assistiti ftehmu li l-meritu llum hu ezawrit, pero baqa’ biex jigi deciz il-punt prelimanri mqajjmin fir-risposta tal-intimat… u l-kap tal-ispejjez”;

Ratil-verbal registrat fit22 ta’ Jannar 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-data tal-lum;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat:-

Illi in breve l-vertenza bejn il-partijiet hija s-segwenti. Illi fis-sena 1993 ir-rikorrent kien tela’ l-Amerka sabiex jixtri vettura lit-tifel tieghu. Huwa ghazel u xtara il-vettura in

disamina u cioe' mudell Dodge Stealth numru 3CJX744 flimkien mal-cover taghha, u, wara, ftiehem ma' certu Paul Coleiro sabiex jiehu hsieb l-importazzjoni taghha f' Malta.

Illi meta l-container li fiha kien hemm din il-vettura wasal Malta, u infetah fil-prezenza tal-ufficjali tad-Dwana, tal-pulizija u tal-persuni involuti, fosthom r-rikorrent, instab li filwaqt, li fil-vettura ma kien hemm xejn irregolari jew illegali, izda fil-proprjeta' tal-imsemmi Paul Coleiro u li kienu fl-istess container, instabu numru ta' armi u munizzjon.  Konsegwenza ta' dan, il-container gie maqbud.

Illi r-rikorrent pprotesta mal-awtoritajiet kompetenti dwar iz-zamma tal-vettura tieghu, stante li huwa ma kellu x'jaqsam xejn mal-oggetti illegali li ntabu fi proprjeta' ta' haddiehor;  *multo magis* meta l-importazzjoni tal-vettura kienet fdata kompletament f' idejn Paul Coleiro u r-rikorrent ma kellu x' jaqsam xejn mal-container.  Cio' nonostante, l-vettura baqghet mizmuma, u sussegwentement kienu ttiehdu <u>proceduri kriminali</u> relattivi kontra r-rikorrent, bil-konsegwezna li <u>dana gie liberat</u> u l-vettura, li fuqha r-rikorrent kien <u>hallas id-dazju debitament,</u> giet debitament rilaxxjata.

Illi kif jirrizulta mill-verbali fl-atti, kif ukoll mix-xhieda tar-rikorrent, il-vettura kienet giet ritornata lilu u ghalhekk il-meritu tar-rikors kien gie ddikjarat esawrit.

Illi ghalhekk il-kwistjoni rriduciet ruhha ghal wahda dwar il-kap tal-ispejjez.

Illi l-intimat fir-risposta tieghu ghar-rikors sostna li, stante li r-rikorrent kien prezenti waqt il-qabda, allura ma kienx hemm in-necessita' skond il-ligi li jigi nformat bil-qabda; ghaldaqstant it-terminu legali ta' tletin gurnata li fih kellu jinghata l-avviz  kien lahaq skada, bil-konsegwenzi kontemplati fl-Artikolu 72(2) tal-Kap.37.

Ir-rikorrent minn naha tieghu qed isostni li d-decizjoni li ssir il-qabda saret bin-nota tas-27 ta' Dicembru 1993 u mhux fl-24 ta' Mejju 1993 kif indikat fl-istess nota meta

effetivament u materjalment kien gie maqbud il-container bil-kontenut kollu tieghu;  u ghalhekk, skond ir-rikorrent, il-perijodu ta' tletin gurnata beda jghaddi mid-data tas-27 ta' Dicembru 1993.  Ghaldaqstant, qed jissottometti li il-proceduri istitwiti minnu saru entro t-terminu legali.

Illi f' dan l-istadju huwa opportun li din il-Qorti tghamel referenza ghad-decizjoni mghotija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza *Raymond Gauci vs Kontrollur tad-Dwana* deciza fit-13 ta' Lulju 2001, fejn dik il-Qorti cahdet argument simili ghal dak li qed javvanta r-rikorrent fir-rikors odjern, u osservat li **meta r-rikorrent ikun prezenti ghal qabda, it-termini kontemplati fl-Artikolu 72 (2) tal-Kap.37 jibdew jiddekorru minn dik id-data**, u mhux mid-data li fiha l-Kontrollur tad-Dwana jkun baghatlu l-avviz, ghalkemm ma kienx tenut bil-ligi li jghamel hekk.

Illi l-Qorti tosserva li l-fatt li l-qabda sehhet fl-24 ta' Mejju 1993 jirrizulta manifest mill-provi u hu konfermat mir-rikorrent stess fix-xhieda mghotija minnu fl-udjenza tal-10 ta' Lulju 2001 a fol.71 fejn qal *"Meta……qabdu u kkonfiskaw il-container kollu………..Qalu (dak il-hin tat-tficcija) li ha jiehdu l-container kollu".*
'

Illi ghalhekk ir-rikorrent kellu tletin gurnata zmien mid-data tal-qabda u cioe mill-24 ta' Mejju 1993 biex jibghat l-avviz skond is-sub artikolu 2 tal-artikolu 72 tal-kap.37 fejn jinforma lill-Kontrollur tad-Dwana li kien qed jitlob l-oggetti lura.  Dan it-terminu kien jiskadi fil-24 Gunju 1993.  Inoltre fi zmien tletin gurnata minn din id-data r-rikorrent kellu jippresenta l-proceduri appoziti biex jiehu lura l-effetti maqbuda, u cioe' sal-24 ta' Lulju 1993.

Illi mill-povi jirrizulta li l-avviz u kemm ir-rikors gew prezentati zmien wara l-iskadenza ta' dawn it-termini.  Fil-fatt jirrizulta manifest li r-rikors odjern gie prezentat fis-19 ta' Jannar 1994, u ghalhekk ferm wara t-terminu ta' xaharejn impost mill-ligi, liema terminu huwa wiehed ta' dekadenza u li n-non osservanza tieghu jbib mieghu n-nullita' tar-rikors promotur.  Ghaldaqstant r-rikorrent ghandu jbati l-ispejjez tal-proceduri odjerni, istitwiti u

inizjati minnu, izda li huma nulli stante li saru barra t-terminu impost mill-ligi.

Il-Qorti tosserva li l-fatt li fil-proceduri kriminali r-rikorrent gie liberat ma jimmilitax kontra din il-konkluzjoni. *Aliter*, li kieku l-avviz u r-rikors saru fit-terminu stipulat mill-ligi, ghax f' din l-eventwalita' l-ispejjez kien ikollhom jithallsu mill-intimati.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt li tastjeni milli tippronuzja ruhha dwar il-meritu stante li dana gie esawrit, tordna li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri jkunu a kariku tar-rikorrent.

--------------------------------TMIEM--------------------------------